# TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

## Decizjoni Nru 34/78

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Alex Cilia u Emanuel Incorvaja
u
Corinthia Palace Hotel Co Ltd
dwar terminazzjoni mill-impieg
allegata li hi ngusta

Chairman: G.A. Craig

Data: 15ta' Dicembru, 1978.

B'ittra tas-27 ta' Settembru, 1978, il Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irreferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artiklu 28 (2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija ta' Alex Cilia u Emanuel Incorvaja mill-Kumpanija Corinthia Palace Hotel Co. Ltd, tkeccija li l-appellanti jallegaw li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm erba' seduti li fihom deher ghall-Alex Cilia u Emanuel Incorvaja, is-Sur Francis Coleiro bhala Segretarju tat-Taqsima tal-Lukandi, Ikel u Haddiema Alleati, tal-General Workers' Union, u ghall-Kumpanija Corinthia Palace Hotel Co. Ltd, is-Sur Alfred Pisani, Direttur tal-Kumpanija.

3. Statements of Case Ghal Alex Cilia gie sottomess li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu bhala 'Barman' fis-16 ta' Dicembru, 1977, ma kienx ghal raguni tajba u suffic-jenti u ghalhekk ghandu jitqies li baqa' validament fl-impieg minghajr telf ta' paga. Dan kien impjegat bhala 'barman' fir-Restaurant tal-'Luqa Airport'.

/.........

Xogholu kien billi jservi lill-klienti bil-prodotti izda l-hlas isir lil-'Cashier' f'ras il-'counter'. L'ahhar persuna li kien jara l-klient kien il-'Cashier'.

4. F'Awwissu 1977 Alex Cilia gie akkuzat mill-Management bi frodi u dan l-akkuza cahada u baqa' jichada anki wara li gie mhedded li jistghu jittiehdu passi bil-puluzija. Fil-fatt l-akkuza qatt ma ghamluhilu bil-miktub, ghax kienet ibbazata biss fuq xhieda ta' xi mpjegati li tnejn minnhom kienu qed jigu akkuzati fuq l-istess haga. Ghalkemm il-Management irrefera l-kaz lil-puluzija fis-16 ta' Dicembru, 1977, passi kriminali kontra Cilia qatt ma ittiehdu.

5. Fil-5 ta' Ottubru, 1977, f'wahda mill-laqghat ma' rapprezentanti tal-Union u l-Management, gie deciz li Alex Cilia jigi sospis bil-paga sakemm il-puluzija tiehu azzjoni kontra tieghu, kif jidher mil-kopja tal-minuti tal-laqgha (appendici 'A'). Il-paga, izda, giet suspenduta meta l-management irrifera l-kaz lil-puluzija. Alex Cilia gie akkuzat li kien ha xi flus minghand klient tal-prodott li kien servieh.Cilia pero jichad kategorikament din l-akkuza. Hu ha biss dawk il-flus tat-tips li kienu jinqasmu.

6. <u>Ghal Emanuel Incorvaja</u> gie wkoll sottomess li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu fis-16 ta' Dicembru, 1977 ma kienitx ghal raguni valida u sufficjenti u ghalhekk kellu jitqies li baqa' validament fl-impieg minghajr telf ta' paga. Dan ukoll kien impjegat bhala barman fir-'Restaurant' ta' 'Luqa Airport' u kien jaghmel l-istess xoghol bhal Alex Cilia u taht l-istess kondizzjonijiet. Dan ukoll kien akkuzat bi frodi li cahad anki meta kienu qalulu li ser jirreferu l-kaz lil-puluzija. Inqas lil dan ma hargulu akkuza bil-miktub. Bhal fil kaz ta' Alex Cilia il-management ibbaza l-akkuza fuq xhieda ta' shabu li tnejn minnhom kienu taht l-istess akkuza. Passi mill-puluzija kontra Incorvaja ma ttiehdux izda l-paga, kontra

l-ftehim li kien hemm mal-Union, giet sospenduta fis-16 ta' Dicembru, 1977. Gie sostnut li x-xhieda li kienet ibbazata fuqha l-akkuza kienet ta' zewg impjegati li kienu involuti fil-kaz. Incorvaja kien gie akkuzat li kien ħa xi flus u tefaghhom fil-but u li darba kien kiel xi sandwich. Dan dejjem cahad din l-akkuza ghax hu kien ħa flus biss ta -'tips' u is-sandwich li kien ħa kien zejjed u mħallas.

7. Għal-Kumpanija gie sottomess li fix-xahar ta' Lulju, 1977, il-Kontrullur tal-'Airport Restaurant', Bill Wyson, irrapporta lill-management illi mill-istħarrig li kien qed jagħmel ta' kulljum kienet qed tirrizulta diskrepanza kbira bejn l-ammont ta' ikel u xorb u oggetti oħra li kienu qed jimbiegħu u l-ammont ta' flus li kienu qegħdin jingabru għall-istess. Sar stħarrig izjed dettaljat u xorta rrizulta diskrepanzi. Il-management għalhekk qabbad lic-Chief Accountant Ivan Falzon, biex jagħmel 'counter-check' indipendenti mill-Kontrollur. Id-diskrepanzi gew konfermati u irrizulta li d-diskrepanza ghax-xahar ta' Lulju, 1977, kienet ta' £640. Kemm il-Kontrullur u c-Chief Accountant komplew l-isħarrig u n-nuqqas ta' flus għax-xahar ta' Awwissu irrizulta £940.

8. Fid-9 u l-10 ta' Settembru, il-'Cashiers' Philip Gauci, Norbert Agius u Joe Gauci gew imsejha quddiem il-Managing Director Alfred Pisani u, wara li gew imwissija li setghu jekk iridu ma jirrispondux għad-domandi, dawn min rajhom iddikjaraw li kienu jafu li kien qed isir serq u semmew lill-barmen Alex Cilia u Emanuel Incorvaja bħala li kienu qed jisirqu ukoll. Wara saru laqgħat mar-Rapprezentanti tal-Union fuq dan is-sugget u fil-laqgha tat-22 ta' Settembru, 1977, fejn kien hemm ukoll ir-Rapprezentanti tal-Union, dawn il-Kaxxiera irripetew l-allegazzjonijiet taghhom kontra Cilia u Incorvaja. Kien f'din il-laqgha li Philip Gauci u Norbert Agius ammettew li huma kienu qegħdin jisirqu wkoll u jaqsmu ma' Cilia u Incorvaja bħal ma dawn minn naħa taghhom kienu jtuhom sehem milli jisirqu huma.

9. Il-Union talbet zmien biex tinvestiga l-kaz. Susseguentement il-Union informat lill-Management li l-barmen Cilia u Incorvaja kienu qeghdin ~~jihdu~~ jichdu dak li kien gie allegat. Kien wara din id-dikjarazzjoni li saret il-laqgha formali tal-5 ta' Ottubru, 1977 fejn Philip Gauci u Norbert Agius, wara li gew imwessija li jekk iridu ma jirrispondux, regghu min jeddhom ammettew li kienu serqu lill-Kumpanija u qasmu ma' Cilia u Incorvaja u li dawk kienu jisirqu u jaqsmu maghhom. Kaxxier iehor, Joe Cauchi, qal li darba kien hemm okkazjoni fejn hu stess personalment hataf mill-but ta' Incorvaja flus li kienu thallsu lilu minn wiehed mill-klienti u li Incorvaja ma tax lil-Kaxxier. F'din il-laqgha Incorvaja u Cilia komplew jichdu. Kien f'din il-laqgha wkoll li gie deciz li Philip Gauci u Norbert Agius jigu mkeccija u li Cilia u Incorvaja jigu sospizi mix-xoghol.

10. Il-kumpanija ssottomettiet ukoll li f'Dicembru, 1977, biex jevitaw inkwiet mal Union, offriet lil Cilia u Incorvaja jergghu jibdew jahdmu mal-Kumpanija fl-istess kwalita ta' xoghol li kellhom u bl-istess paga fejn ma jsirux pagamenti lill-barmen. Billi din l-offerta ma gietx accettata, il-kumpanija kecciet liz-zewg impjegati u waqfet thallashom il-paga. Wara it-tnejn impjegaw ruhhom ma' haddiehor.

11. <u>Xhieda fil-qosor</u> Instemghu dawn ix-xhieda: ghall-appellanti Michael Pace u Michael Frendo it-tnejn ufficjali tal-Union waqt li ghall-Kumpanija instemghu Francis Coleiro, Segretarju tat-Taqsima tal-Union. Ivan Falzon, Group Accountant mal-Kumpanija, David Martin, Manager 'Luqa Airport Restaurant', Alex Cilia, u Emanuel Incorvaja. Mix-xhieda hargu dawn il-punti: (i) illi kien hemm diskrepanzi sostanzjali fid-dhul ta' flus u il-bejgh u wara stharrig mill-ufficjali tal-Kumpanija, tlett Kaxxiera ammettew li kienu jafu li qed isir serq u fil-kors ta' l-investigazzjoni semmew lill-appellanti bhala li kienu involuti. Dawn l-istess kaxxiera, wara twissija li setghu ma jirrispondux ghal

mistoqsijiet maghmula lilhom, regghu irrepetew l-istess akkuzi kontra l-appellanti quddiem il-fizzjali tal-Union fil-5 ta' Ottubru, 1977 meta instemghu wkoll l-appellanti li kategorikament cahdu l-akkuzi. F'dak l-istess 'meeting' gie miftihem li l-appellanti kellhom jigu suspenduti bil-paga shieha sakemm il-puluzija tiehu passi kontra taghhom billi gie miftihem mal-Union li l-kaz taz-zewg appellanti kellhu jigi riferit lil puluzija;

(ii) li il-puluzija ma setghetx tiehu passi ghax min kien akkuza (it-tlett kaxxiera) kienu involuti u ma kkopperawx u ghalhekk il-Kumpanija offrew lill-appellanti xoghol alternattiv ta' Giorni li dawn ma accettawx ghalhiex, kif qalu huma, kieku accettaw kienu jkunu jammettu htieja. Kien wara lirrifjutaw ix-xoghol alternattiv li gew imkeccija.

(iii) l-appellanti kostantement cahdu kull htieja u anki quddiem it-Tribunal li sfortunatament ma semghax it-tlett kaxxiera li kienu jaghmlu l-akkuzi.

(iv) L-ufficjali tal-Kumpanija li ghamlu l-istharrig fl-accounts u li stocks ghalkemm sabu id-diskrepanzi u dahlu sewwa fix-xoghol taghhom ma kienx possibbli ghalihom biex jghidu liema 'shift' kien responsabbli ghalihom ghax ix-xoghol, billi hu servizz ta' erba u ghoxrin siegha, kien imqassam fi tlett 'shifts' minkejja l-fatt li wara kull 'shift ' kien ikun hemm 'stock-taking' u kienu jinqasmu wkoll it-'tips'.

12. Sottomissjonijiet finali, Is-Sur France Coleiro ghall-appellanti sostna li I-ftehim mal-Kumpanija kien li dawn kellhom jigu sospizi bil-paga sakemm il-puluzija tasal biex tiehu passi kriminali kontra taghhom. Il-puluzija dan ma ghamlithux u ghalhekk il-Kumpanija kellha tiddeciedi tergax iddahhalhom lura ghax-xoghol u sa kemm mad-dahhalhomx kellha tibqa' ittihom il-paga u li dan il-ftehim kellu sahha daqskieku kien poggut f''Collective Agreement'. Issottometta ukoll li l-awditur li ccekkja, kif hareg mix-xhieda, ma setghax jistabbilixxi n-nuqqas f'liema mit-tlett 'shifts' kien jirrizulta u inqas min kien risponsabbli ta' dan in-nuqqas. Ma cahadx li kien hemm nuqqas izda dan seta kien risponsabbli ghalieh haddiehor u dan in-nuqqas ta £640 u £900 f'xahrejn ma kellhom ebda sehem fih l-appellanti. Fuq kollox kien id-dmir ta' min

kecca li jiggustifika it-tkeccija bil-fatti fix-xhieda u dan il-Kumpanija ma ghamlitux. Il-flus li l-appellanti hadu kienu dejjem dawk li tawhom il-Kaxxiera li kien sehemhom mit-'tips'. Sostna wkoll li l-barmen kienu dejjem jahdmu taht supervizjoni kontinwa. Qal li l-appellanti ma accettawx xoghol alternattiv 'Ta Giorni' ghaliex dan kien ikun ammissjoni ta' xi htieja u ghax dan ma kienx xoghol ta' sena shieha u inqas ma kien ta' l-istess kategorija ta' barmen bhalma kienu jahdmu huma Hal-Luqa
Izda il-punt principali kien li galadarba dawn ma kellhomx htija ma kellhomx jibdlulhom xogholohom, ghax min dak li nstema mit-Tribunal ma hareg assolutament xejn u fl-ebda hin li dawn iz-zewg impjegati ghamlu xi frodi, messew xi flus jew ghamlu xi nuqqasijiet u ghalhekk talab lit-Tribunal jiddeciedi li dawn jigu dikjarati libaqghu validament fl-impieg minghajr telf ta' flus.

13. Is-Sur Alfred Pisani ghall-Kumpanija qal li l-iskop tal-Kumpanija kien li tespandi u ghalhekk kellhom bzonn in-nies u ghalhekk kien kontra l-interessi tal-Kumpanija li wiehed ikecci n-nies li ga jafu xogholhom. Lil dawn iridu izommuhom mhux ikeccuhom jekk mhux kostretti ghal xi afarijiet gravi li jihdu dan il-pass. Kien ghalhekk li wara li nstab nuqqas ta' flus sostanzjali, £1500, fi zmien qasir kellhom jiehdu passi biex isibu ta' min kienet il-htijja. Kien hemm min ammetta u kien hemm min cahad bhal ma ghamlu l-appellanti. Dawk li ammettew implikaw serjament lill-appellanti izda waqt li quddiem il-Management u fil-prezenza tal-ufficjali tal-Union ghamlu min jeddhom l-akkuzi taghhom minghajr tlaqlieq, dawn it-tlieta ma riedux jaghtu x-xhieda taghhom la quddiem il-puluzija u anqas quddiem it-Tribunal. Izda quddiem xhieda li kellu l-Management fil-presenza tal-Union ma setghux ma jiehdux passi. Dawn it-tlieta li akkuzaw lill-appellanti ma akkuzawx barmen ohrajn izda lill-appellanti biss u individwalment u mhux lis-sitt barmen li kien hemm impjegati fix-'shifts', quddiem is-Sur Coleiro stess. Tlieta minnhom akkuzaw lil Emanuel Incorvaja u tnejn min dawn it-tlieta lil

Alex Cilia u dawn li akkuzawhom ma kienux ghedewwa ta' l-appellanti u ma kellhomx tilwin bejniethom u anqas raguni ohra biex jaghmlu hekk u ix-xhieda taghhom kienet libera u dettaljata u tnejn min dawn it-tlieta gew imkeccija fuq l-ammissjoni taghhom stess.

14. Wara tahdita mal-Union gie deciz li z-zewg nathat jahslu idejhom u jinghata l-kaz f'idejn il-Puluzija. Sar hekk izda wara l-Puluzija informat lil-Kumpanija li x-xhieda li kellhom kienu baghtu ittra bl-avukat li ma kienux lesti jixhdu minhabba li huma kienu involuti u l-Puluzija ma setghetx ghalhekk tipprocedi. Kien hekk li l-Kumpanija regghet offritilhom xoghol alternattiv Ta' Giorni li kien xoghol ta' server bhal ma kellhom Luqa Airport - u dan ix-xoghol dawn irrifjutawh u ghalhekk il-Kumpanija waqqfet il-paga. Dan kien it-18 ta' Dicembru, 1977, u dan kien ghar-raguni li dak li kienu offrulhom kien semplicement transfer b'lira (£1) izjed milli kienu jiehdu Hal-Luqa ghax hekk kienet il-paga Ta Giorni. Il-Kumpanija kellha certa informazzjoni fuq iz-zewg appellanti li kienet cara u moghtija minghajr sforzi quddiem il-fizzjali tal-Union u ma setghex ma tiehux passi biex tissalvaguardja l-interessi taghha. Temm billi qal li din l-offerta kienet ghadha miftuha biex jispicca kollox b'wicc il-gid.

15. Is-Sur France Coleiro wiegeb li biex wiehed jiggustifika tkeccija irid jipprova htijja. Quddiem dan it-Tribunal ma nstema' xejn li ipprova xi htijja kontra l-appellanti. Kieku it-tlett kaxxiera telghu jaghtu ix-xhieda taghhom quddiem it-Tribunal forsi kienu jaghtu versjoni differenti milli taw lil-Management. Reggha tenna li l-ftehim mal-Union kien li sakemm ma jittiehdux passi mill-Puluzija l-appellanti kellhom jibqghu jiehdu l-paga shiha - il-passi ma ttiehdux u ghalhekk kellhom id-dritt li jibqu' jithalsu.

16. Is-Sur Alfred Pisani issottometta li l-paga kienet twaqqfitilhom fis-16 ta' Dicembru, 1977. Fit-18 ta' Jannar, 1978 kien hemm seduta il-Labour Office u

oħra fl-24 ta' Jannar, 1978 u r-rakkomandazzjoni tal-Labour Office kienet li l-Kumpanija toffrilhom xoghol alternattiv li dawn ma accettawx, ghax il-Kumpanija kellha is-setgha li taghmel trasferimenti.

17. Konsiderazzjonijiet tal-Tribunal It-Tribunal jiehu dejjem in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mill-provi u dak li jisma' fuq il-meritu tal-kaz. L-ewwel nett it-Tribunal wara li wizen ix-xhieda kollha li sema' u s-sottomissjonijiet taz-zewg partijiet, hu ta' l-opinjoni li l-Kumpanija ma ppruvatx soddisfacentament illi fl-irregolaritajiet serji li saru minn xi impjegati fil-'Luqa Restaurant', hadu sehem l-appellanti. Huwa minnhu li f'dan il-kaz kien difficili hafna li jaghmluh imhabba l-fatt li l-individwi li kienu taw ix-xhieda taghhom - mhux taht gurament - quddiem il-Management u r-rapprezentanti tal-Union ma nstemghux quddiem dan it-Tribunal, u ghalhekk, min dak li sema' it-Tribunal, l-akkuza ta' frodi ma gietx sostanzjata. It-Tribunal kellu biss il-minuti ta' laqgha li saret fil-5 ta' Ottubru, 1977, il-Corinthia Palace Hotel bejn il-Management tal-Kumpanija u r-rapprezentanti tal-Union fejn it-tlett 'barmen' minn jeddhom ghamlu akkuzi gravi kontra l-appellanti wara li kienu ammettew, ukoll min jeddhom, htijithom. Dawn il-minuti gew esibiti lit-Tribunal u jiffornaw parti mis-sottomissjonijiet, u ghalhekk it-Tribunal ma jistghax b-ebda mod jittraskurhom specjalment ghal-fini ta' l-artiklu 33(1) (a) (b) ta' l-Att Nru XXX dwar Relazzjonijiet Industrijali li jghid hekk:

"(1) Meta fuq ilmint ta tkeccija ngusta mibghut lit-Tribunal skond l-artikolu 27 jew 28 ta' dan l-Att, it-Tribunal -

(a) isib li r-ragunijiet ta l-ilment ikunu ibbazati tajjeb, u

(b) jidhirlu li jkun prattikabbli u skond l-ekwita', li min jaghmel l-ilmint jidhol fl-impieg tieghu jew jerga' jigi mpjegat mill-principal, it-Tribunal

ghandu jaghmel ordni f'dak is-sens,
fejn jaghti l-kondizzjonijiet li tahthom
jidhirlu xieraq li min jaghmel l-ilment
ghandu jerga' jidħol fl-impieg tieghu
jew jerga jigi mpjegat:"

18. It-Tribunal irid ukoll jieħu nkonsiderazzjoni li lill-appellanti gie offrut lilhom xoghol ieħor li kien simili ghal dak li l-appellanti kienu jaghmlu '' [illegible] il-'Luqa Restaurant' izda dawn ma accettawhx bil-pretest li kienu qishom accettaw il-ħtijja kieku sar hekk. Il-Kumpanija izda kellha necessarjament, li fic-cirkostanzi tal-kaz, tkun prudenti u waqt li ma tkeccihomx tittrasferihom puramènt bhala prekawzjoni.

It-Tribunal ghalhekk, wara li ħa nkonsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u fid-dawl u l-ispirtu li l-artiklu 33(1) (a) (2) jordna:

19. AWARD:

(a) li Alex Cilia u Emanuel Incorvaja jerggħu jidħlu ghax-xoghol mal-Kumpanija Corinthia Palace Hotel Co. Ltd min-nhar it-Tnejn 17 ta' Dicembru, 1978;

(b) li dawn iz-zewg impjegati jigu moghtija l-istess xoghol li kellhom qabel gew sospizi jew jigu 'seconded' bl-istess paga u kondizzjonijiet tax-xoghol f'post analogu skond kif taghzel il-Kumpanija;

(c) li jigu mħallsin paga shieħa sal-24 ta' Jannar, 1978, data li fiha spiccaw it-taħdidiet il-Labour Office, u konsiderati fis-servizz tal-Kumpanija bla paga mil-25 ta' Jannar, 1978 sas-16 ta' Dicembru, 1978, u b'hekk tigi mitmuma din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.A. Graig
(Chairman)

S. Grech
(Segretarju)

fp